MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## TONIO MALLIA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-6 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 1664/1999/1

**Emanuel Hayman u martu Monica Hayman**

**v.**

**Mary Caruana u zewgha Alfred, Emanuela Psaila u zewgha Andrew u b'digriet tat-2 ta' Novembru 2004, il-gudizzju ghadda mill-persuna tal-**

**imharrek Andrew Psaila ghall-persuna ta' wliedu Jason, Alyce mart Darren Vella u Tyrone ahwa Psaila wara l-mewt tal-istess Andrew Psaila fil-mori tal-kawza, William Hayman u martu Josephine, Josephine Ciantar u Alfred, Doris Hayman u Angela Montebello u zewgha Paul**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata fid-19 ta' Lulju 1999 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

> "Peress illi Maria Carmela Hayman mietet fis-17 ta' Jannar 1998 kif jidher mic-certifikat tal-mewt li qed jigi anness u mmarkat bhala dokument A u l-konvenuti u l-attur Emanuel Hayman huma werrieta taghha;
>
> "Peress illi wara li miet ir-ragel taghha William fl-1986 billi hadd ma ried jiehu hsiebha, f'Gunju 1987 hija marret tghix fir-residenza ta' l-atturi sa' Lulju 1997;
>
> "Peress illi matul dan il-perjodu imsemmi l-atturi kienu jiehdu hsieb il-bzonnjiet personali li kienu jinkludu fost affarijiet ohra li huma kienu jahsluha, jlibsuha, jixtrulha l-hwejjeg u l-ispejjes kollha relattivi ghal bzonnijiet ta' Maria Carmela Hayman u dan bi ftehim li kien ser ikun hemm xi kumpens u remunerazzjoni tant illi permezz ta' zewg testmenti datati wiehed u tlettin ta'Ottubru elf disa' mija u disghin (31/10/90) fl-atti ta-Nutar Dot. Marica Sciberras u iehor fl-ewwel ta' Mejju elfdisa' mija hamsa u disghin (1/5/95) fl-atti tan-Nutar Dott Gerard Spiteri Maempel halliet lill-attur Emanuel Hayman diversi proprjetajiet immobbli skond l-annessi dokumenti 'B' u 'C'. Inoltre permezz ta' skrittura privata datata hdax ta' Awissu elf disa' mija sitta u tmenin (11/8/86) hija kienet ikkoncediet b'titolu ta' kera zewg swali li jinsabu retroposti ghall-fond numru 361 Zabbar Road, Fgura kif jidher mill-annes Dok 'D';
>
> "Peress illi ghal dawn is-servigi rezi l-atturi qatt ma thallsu f'xi forma jew ohra u minkejja li l-konvenuti gew interpellati sabiex jhallsuhom dawn baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;
>
> "Jghidu l-konvenuti ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:
>
> > "1. Tiddikjara u tiddecidi li l-atturi rrendew servigi lill-imsemmija Maria Carmela Hayman;

"2. Tillikwida l-ammont dovut b'nomina ta' periti nominandi;

"3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi ghas-servigi resi dik is-somma li tigi hekk likwidata minn dina l-Qort.

"Bl-ispejjes u bl-imghax inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 26 ta' Marzu 1999 bil-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Mary Caruana, Emanuela Psaila, William Hayman, Josephine Ciantar, Doris Hayman u Angela Montebello, ipprezentata fit-23 ta' Dicembru 1999 li permezz taghha jeccepixxu:

"1. Illi in linea preliminari l-atturi jridu jiddikjaraw fuq liema testment qed jibbazaw l-azzjoni odjerna.

"2. Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu kwalsiasi talba ghall-servigi rezi fil-konfront tal-eccipjenti odjerni hija ristretta ghall-perjodu ta' hames snin qabel il-presentata tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Marzu 1999 ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

"3. Illi sussidjarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma fi kwalsiasi kaz infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-atturi gja gew kumpensati ghall-kwalsiasi forma ta' servigi allegatament rezi.

"4. Illi sussidjarjament ukoll u fi kwalunkwe kaz l-attur, bhala wiehed mill-eredi tal-istess Maria Carmela Hayman irid ibati is-settima parti indiviza minn kwalsiasi ammont likwidat skond it-talbiet attrici."

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti msemmija;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Alfred Caruana, Andrew Psaila, Josephine Hayman, Alfred Ciantar u Paul Montebello pprezentata fit-23 ta' Dicembru 1999 fejn eccepew:

> “1. Illi in linea preliminari huma ma ghandhomx *locus standi* fil-kawza stante illi huma ma humiex l-eredi tal-mejta Maria Carmela Hayman u ghaldaqstant ma humiex il-legittimi kontradittturi u ghalhekk ghandhom jigu minnufih liberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-atturi.
>
> “2. Illi minghajr pregudizzju u in linea preliminari wkoll, l-atturi jridu jiddikjaraw fuq liema testment qed jibbazaw l-azzjoni odjerna.
>
> “3. Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu kwalsiasi talba ghall-servigi rezi hija ristretta ghall-perjodu ta’ hames snin qabel il-presentata tac-citazzjoni odjerna ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.
>
> “4. Illi sussidjarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma fi kwalsiasi kaz infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-atturi gja` gew kumpensati ghall-kwalsiasi forma ta’ servigi allegatament rezi.
>
> “5. Illi sussidjarjament ukoll u fi kwalunkwe kaz l-attur, bhala wiehed mill-eredi tal-istess Maria Carmela Hayman irid ibati is-settima parti indiviza minn kwalsiasi ammont likwidat skond it-talbiet attrici.”

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti msemmija;

Rat il-verbali komprizi t-traskrizzjonijiet tad-deposizzjonijiet;

Rat is-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tat-8 ta’ Jannar 2001 li permezz taghha giet michuda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Alfred Caruana, Andrew Psaila, Josephine Hayman, Alfred Ciantar u Paul Montebello li ma kellhomx *locus standi* fil-kawza u allura li tehlishom mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra taghhom;

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fis-6 ta' April 2011 li permezz taghha l-Qorti laqghet it-tieni, tielet u raba' eccezzjonijiet tal-konvenuti u laqghet it-talbiet attrici billi kkundannat lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' disat elef, erbgha u sebghin Euro u tletin centezmi (€9,074.30) bl-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet;

"Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' serviġi. L-atturi jgħidu li għamlu żmien jaqdu lil omm l-attur tul iż-żmien li din kienet damet toqgħod magħhom fid-dar tagħhom wara li romlot u billi ħadd minn uliedha l-oħrajn ma ried iżommha miegħu. Billi huma daru biha bil-fehma li jitħallsu tax-xogħol li għamlu magħha, iridu li l-Qorti tgħid kemm kien jistħoqqilhom jitħallsu u li tikkundanna lill-imħarrkin iħallsuhom dak il-kumpens likwidat;

"Illi l-imħarrkin ulied il-mejta laqgħu billi, b'mod preliminari, qalu li l-atturi jmisshom jgħidu fuq liema wieħed mit-testmenti t'ommhom qegħdin isejsu l-azzjoni tagħhom. Laqgħu wkoll billi qalu li l-azzjoni attriċi tista' tiswa biss sal-aħħar ħames snin qabel il-mewt tal-omm għall-finijiet tal-preskrizzjoni tal-ħames snin. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li l-atturi ma jistħoqqilhom jieħdu l-ebda kumpens ieħor mingħandhom għaliex diġa' tħallsu tajjeb matul ħajjet l-omm. Temmew jgħidu li, ladarba l-attur huwa wkoll wieħed millulied werrieta ta' ommhom, irid ukoll joħroġ sehemu minn xi kumpens li jista' jkun dovut lil martu;

"Illi l-imħarrkin żwieġ il-werrieta wkoll laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li ma kienx messhom iddaħħlu fil-kawża ladarba huma ma kinux werrieta ta' omm il-partijiet. Laqgħu billi qalu li l-atturi jmisshom jgħidu fuq liema wieħed mit-testmenti t'ommhom qegħdin isejsu l-azzjoni tagħhom. Laqgħu wkoll billi qalu li l-azzjoni attriċi tista' tiswa biss sal-aħħar ħames snin qabel il-mewt tal-omm għall-finijiet tal-preskrizzjoni tal-ħames snin. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li l-atturi ma jistħoqqilhom jieħdu l-ebda kumpens ieħor mingħandhom għaliex diġa' tħallsu tajjeb matul ħajjet l-omm. Temmew jgħidu

li, ladarba l-attur huwa wkoll wieħed millulied werrieta ta' ommhom, irid ukoll joħroġ sehemu minn xi kumpens li jista' jkun dovut lil martu;

"Illi b'sentenza *in parte* mogħtija fit-8 ta' Jannar, 2001, din il-Qorti (diversament presjeduta) ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin żwieġ il-werrieta u ma ħelsithomx milli jibqgħu fil-kawża;

"Illi l-Qorti tirrileva li l-atti ta' din il-kawża mxew flimkien ma' l-atti ta' kawża oħra fl-istess ismijiet[1]. Xi xhieda li tgħodd għal din il-kawża jinsabu fl-atti ta' dik il-kawża. F'dik il-kawża l-oħra, l-atturi talbu li l-Qorti ssib li l-aħħar testment li għamlet omm l-attur ma kienx jiswa. B'sentenza li ngħatat minn din il-Qorti llum ukoll, din il-Qorti ċaħdet it-talba tal-atturi f'dik il-kawża, għar-raġunijiet hemm mogħtija;

"Illi l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li l-attur huwa wieħed minn seba' (7) wlied ta' William u Maria Carmela miżżewġin Hayman. L-imħarrkin Mary Caruana, Emanuela Psaila, William, Josephine Ċiantar, Doris u Anġela Montebello huma ħutu l-oħrajn. Iben ieħor – li kien jismu Emanuel iżda magħruf bħala "Wallace" – miet madwar xahar qabel twieled l-attur, li, għalkemm issemma Emanuel wkoll, kien magħruf fil-familja bħala "Wallace" b'tifkira ta' ħuh[2];

"Illi William Hayman miet fl-4 ta' Awissu tal-1986[3] u l-wirt tiegħu kien regolat b'testment *unica charta* tal-20 ta' Ġunju, 1983, fl-atti tan-Nutar George Cassar;

"Illi għal xi żmien wara li romlot, Maria Carmela Hayman marret tgħix ma' bintha Josephine Ċiantar[4]. Damet ftit xhur toqgħod għand l-imsemmija bintha, sakemm din inqalgħetilha problema matrimonjali u omma ma ħassithiex komda aktar li tibqa' tgħix hemm. Fil-11 ta' Awissu tal-1986[5] (xi ġimgħa wara mewt il-missier), saret kitba bejn l-attur u ħuh l-imħarrek William flimkien ma' ommhom li biha ikkonfermaw il-kirja li kienet ingħatatilhom mill-missier ta' xi ambjenti fi Triq Ħaż-Żabbar, fil-Fgura;

[1] Ċitazz. Nru. 1665/99JRM
[2] Affidavit tal-imħarrka Doris Hayman 24.6.2002, f'paġ. 137 tal-proċess
[3] Xhieda tal-imħarrek William Hayman 19.1.2006, f'paġ. 216 tal-proċess
[4] Affidavit tal-imħarrka Josephine Ċiantar 19.4.2002, f'paġ. 110 tal-proċess
[5] Dok "D", f'paġ. 12 tal-proċess

"Illi għall-ħabta ta' Ġunju tal-1987, kienet marret toqgħod fid-dar mal-atturi u l-familja tagħhom fil-Fgura. Skond l-imħarrka Josephine Ċiantar, ommha reġgħet marret toqgħod fid-dar tagħha wara li telqet mingħandha, u kienet biss tmur torqod għand l-attur billejl, u kien biss fl-1995 li ommha marret toqgħod għal kollox mal-atturi[6]. F'Ottubru tal-1990[7], hija għamlet testment aġġuntiv li bih ħalliet lill-attur b'titolu ta' legat sehemha minn għalqa li tinsab fi Triq Ħaż-Żabbar, fil-Fgura. Mill-bqija ikkonfermat l-imsemmi testment *unica charta*. Hija reġgħet għamlet testement ieħor aġġuntiv fl-1 ta' Mejju, 1995[8], u li bih ħalliet legat ieħor, din id-darba f'parti minnu "*di cosa altrui*", favur l-imsemmi attur binha (bis-sostituzzjoni favur uliedu jekk kemm-il darba jmut qabilha) ta' xi "komoditajiet" immobbli fl-istess inħawi fil-Fgura, filwaqt li ikkonfermat iż-żewġ testmenti li kienet għamlet qabel;

"Illi Carmela Hayman damet toqgħod mal-atturi u wliedhom xi ftit aktar minn ħdax-il sena u nofs[9], sa nofs l-1997, wara li waqgħet u kisret riġilha l-lemini u żlugat il-ġog ta' qaddha u ma kenitx tista' tinżel aktar mis-sodda[10]. Wara xi żewġ operazzjonijiet, iddaħħlet fir-Residenza San Vinċenz de Paule lejn l-aħħar ta' Ottubru tal-1997[11] wara li kien inħareġ ċertifikat minn tabib tagħha f'Lulju biex ifisser il-qagħda ta' saħħitha[12]. Fl-24 ta' Novembru, 1997[13], hija għamlet testment li bih ħassret kull testment ieħor li hija kienet għamlet qabel u ħatret lis-seba' wliedha bħala werrieta universali meħlusa mill-obbligu tal-kollazzjoni. Mat-testment, li sar fir-Residenza msemmija, nhemeż ċertifikat mediku maħruġ minn psikjatra[14] li twassal hemm minn wieħed minn uliedha u raha f'dik id-Dar dak inhar li sar it-testment[15]. Fl-imsemmi testment, l-attur huwa msejjaħ bl-isem ta' "Wallace";

"Illi sa Jannar kienet għadha tiekol mill-ikel li jipprovdilha l-isptar u ikel ieħor li kienu joħdulha qrabatha u titkellem u tagħraf lil min imur jaraha[16]. Imbagħad saħħitha marret għall-agħar u bilkemm kienet tisma' u tagħraf lil qrabatha[17], u ngħatat il-Griżma tal-Morda aktar minn darba kemm damet rikoverata[18]. Fl-aħħar żmien kienet waqfet titkellem u tiekol biss ikel magħsur jew f'għamla

6 Affidavit tal-imħarrka Josephine Ċiantar 19.4.2002, f'paġ. 110 tal-proċess
7 Dok "B", f'paġġ. 6 – 8 tal-proċess
8 Dok "Ċ", f'paġġ. 9 sa 11 tal-proċess
9 Affidavit tal-attur 20.6.2001, f'paġ. 40 tal-proċess
10 Affidavit tal-attriċi 30.1.2001, f'paġ. 34 tal-atti tal-kawża 1665/99JRM
11 Xhieda ta' Dr. Stephen Manġion 5.12.2001, f'paġ. 69 tal-proċess
12 Dok "EP", f'paġ. 160 tal-proċess
13 Dok "B", f'paġġ. 6 – 7 tal-kawża 1665/99JRM
14 Dok f'paġ. 8 tal-atti tal-kawża 1665/99JRM
15 Xhieda ta' Dr. Peter Muscat 26.2.2002, f'paġġ. 124 – 5 tal-proċess
16 Affidavit tal-imħarrka Emanuela Psaila 19.2.2002, f'paġġ. 113 – 4 tal-proċess
17 Affidavit ta' Joanna Abugrin 4.7..2000, f'paġ. 39 tal-atti tal-kawża 1665/99JRM
18 Affidavit tal-attur 23.1.2001, f'paġ. 32 tal-atti tal-kawża 1665/99JRM

likwida[19]. Maria Carmela Hayman mietet fis-17 ta' Jannar tal-1998 meta kellha ħamsa u tmenin (85) sena[20];

"Illi wara li mietet Maria Carmela Hayman, l-attur sar jaf li ommu kienet għamlet testment ieħor sakemm damet rikoverata fid-Dar San Vinċenz de Paule. Matul dak iż-żmien qam tilwim bejn l-attur u ħutu u f'xi okkażjonijiet kien hemm ukoll episodji ta' ġlied li tressqu quddiem il-Qrati[21];

"Illi fis-26 ta' Marzu tal-1999, l-atturi bagħtu ittra uffiċjali li biha talbu lill-imħarrkin jagħtuhom kumpens għas-serviġi li għamlu ma' Maria Carmela Hayman. F'Lulju fetħu din il-kawża, flimkien ma' kawża oħra biex iwaqqgħu l-aħħar testment li hija kienet għamlet u li bih ħassret kull testment ieħor li hija kienet għamlet qabel tul ħajjitha;

"Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ tal-lum, jidher li dawn huma marbutin ma' żewġ kwestjonijiet: jiġifieri dik tal-għamla ta' serviġi li l-atturi jippretendu li taw lil omm l-attur u l-oħra dwar it-tul taż-żmien li fih dawk is-serviġi ngħataw. Hemm imbagħad ukoll xi sfumaturi oħrajn li joħorġu minn eċċezzjonijiet oħrajn tal-imħarrkin, u li l-Qorti tqishom jekk u x'ħin ikun il-waqt;

"Illi huwa stabilit li l-bażi ta' azzjoni għal servizzi mogħtija trieġi fuq żewġ sisien: jiġifieri, fuq il-kważi-kuntratt u fuq il-preżunzjoni li min jagħti servizz lil ħaddieħor jagħmel hekk bil-fehma li jitħallas ta' dak li jagħmel[22]. Minbarra dan, ilu żmien twil aċċettat li l-ħlas ta' serviġi jista' jkun dovut mhux biss *jure actionis*, jiġifieri meta huwa miftiehem, imma wkoll *officio judicis*, jiġifieri meta miċ-ċirkostanzi jkun jidher sewwa li min ta dak is-servizz ried li jitħallas tiegħu[23] jew kien imwiegħed ħlas għalih. Biex wieħed jasal biex jara jekk persuna kellhiex il-fehma jew l-istennija li titħallas, għandu jitqies il-waqt meta ngħataw tali servizzi, għaliex iċ-ċirkostanzi li jseħħu wara ma jservux biex joħolqu b'lura dritt ta' fehma li ma kinitx l-intenzjoni tal-partijiet li joħolqu[24];

---

[19] Affidavit ta' Lily Hayman 6.2.2001, f'paġ. 36 tal-kawża 1665/99JRM

[20] Dok "A", f'paġ. 5 tal-proċess

[21] Affidavit tal-imħarrka Mary Caruana 26.6.2002 u tal-imħarrek William Hayman 1.4.2004, f'paġġ. 132 tal-proċess u 105 – 6 tal-atti tal-kawża 1665/99JRM

[22] Ara, per eżempju, P.A. CS **11.7.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Cassar vs Lawrence Seychell*** (mhix pubblikata)

[23] P.A. **3.10.1935** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs Briffa noe*** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.664**) u P.A.DS **13.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***George Sciberras et vs Josephine Spiteri et***

[24] P.A. **6.10.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Deidun vs Poggi et*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.ii.568**) u App Ċiv. **22.5.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Delicata et vs Anthony Saliba pro et noe*** (mhix pubblikata)

"Illi l-allegazzjoni li ma kienx hemm ftehim m'hijiex ta' xkiel għal sejbien ta' responsabblita' għall-ħlas ta' serviġi. Għalhekk, wieħed irid iqis iċ-ċirkostanzi kollha li fihom ikunu ngħataw is-servizzi biex minnhom wieħed jipprova jsib x'kienet tassew il-fehma kemm ta' min ta s-servizz u, wisq aktar, ta' min lilu jkunu ngħataw[25];

"Illi f'dan ir-rigward, **l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrkin ulied il-mejta u t-**tieni eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrkin żwieġhom ma hijiex tajba. Meta l-imħarrkin jitolbu lill-atturi biex jgħidu taħt is-saħħa ta' liema testment qegħdin isejsu l-azzjoni tagħhom, huma jkunu qegħdin jinsew li, ladarba l-azzjoni għall-kumpens ta' serviġi tinbena fuq il-kważi-kuntratt, l-atturi m'għandhomx għalfejn strettament jinvokaw is-saħħa tal-ebda testment biex jirnexxu fl-azzjoni tagħhom. Ukoll kieku Maria Carmela Hayman mietet intestata, l-atturi kien ikollhom jedd li jfittxu għal dak il-kumpens mingħand l-mħarrkin. Imbagħad, fid-dawl tas-sentenza li din il-Qorti tat illum ukoll dwar is-siwi tal-aħħar testment ta' Maria Carmela Hayman, jidher li dawk iż-żewġ eċċezzjonijiet anqas u anqas hemm posthom;

"Illi għalhekk, il-Qorti sejra tiċħad l-imsemmija eċċezzjoni preliminari għaliex m'hijiex tajba;

"Illi, fuq kollox, il-fatt li jista' jkun hemm rabta ta' qrubija bejn min jagħti u min jirċievi s-servizzi, jista' u ġeneralment ifisser li tali servizzi saru bit-tama tal-ħlas jew kumpens xieraq. F'dan ir-rigward illum il-ġurnata huwa stabilit li kull serviġi, wkoll mogħtijin lill-qraba ta' dak li jkun, jitqiesu li jkunu ngħataw bit-tama ta' kumpens jew ħlas sakemm ma jintweriex bla ebda dubju li dak il-qadi ngħata bla ħsieb ta' kumpens jew ħlas[26];

"Illi, allura, huwa naturali li jsegwi minn dan kollu li biex titwaqqa' l-preżunzjoni li serviġi ngħataw bi ħsieb ta' ħlas, jeħtieġ li min jallega li x-xogħol sar b'xejn irid iġib provi tajbin u konvinċenti biżżejjed biex iwaqqagħha;

"Illi l-fatt li min ta s-servizzi kellu fi ħsiebu xi għamla ta' għarfien ieħor minbarra ħlas dirett (bħal, per eżempju, it-tama li jitħalla bħala werriet jew legatarju jew benefiċjarju b'xi titolu li jkun mill-wirt tal-persuna mgħejjuna) huwa element

[25] P.A. PS **28.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Schembri et vs Aldo Busuttil***
[26] Ara, per eżempju, P.A. RCP **25.4. 2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Caruana vs Mallia*** (Kollez. Vol: **LXXXVI.iii.174**) u TM **11.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Catania pro et noe vs Maria Aġius***

indikattiv tal-fehma tan-non-gratuwita' tas-servizz mogħti, ukoll jekk dik it-tama jew wegħda li tkun saritlu tisfuma fix-xejn għal raġuni li l-persuna li serviet ma jkollhiex kontroll fuqha[27];

"Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, ma hemm l-ebda dubju li l-atturi kienu ilhom jippretendu kumpens għall-għajnuna u l-intrigu li kienu daħlu għalih wara li Maria Carmela Hayman romlot. Jidher sintomatiku li l-attur kien iqis lilu nnifsu bħala l-favorit tal-ġenituri tiegħu[28] u sa, ċertu punt, din kienet ukoll il-fehma rassenjata ta' ħutu l-oħrajn l-imħarrkin. L-attur innifsu jistqarr li "ommi kienet ħaġa waħda miegħi" u li kienet tgħidlu li "jiena lilek sibt ... niktiblek l-għalqa, sehemi mill-għalqa"[29] Fi kliem waħda mill-imħarrkin, mal-mewt ta' missierhom, l-attur "ikkapparra" lil ommhom taħt idejh u "kien qisu l-*bodyguard* ta' ommi"[30] b'mod li qatagħha mill-kuntatt ma' wliedha l-oħrajn kemm seta'. Din il-fehma tal-ħlas baqgħet għal tul iż-żmien kollu f'moħħ l-attur, ukoll jekk dan l-għan kien jintlaħaq billi jsiru testmenti u kitbiet min-naħa tal-omm;

"Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi biex tqis **dwar jekk huwiex minnu li l-atturi taw is-servizzi** lil Maria Carmela Hayman. Dan huwa każ fejn ix-xhieda mressqa tikkonsisti biss f'dik tal-partijiet u xi qraba immedjati tagħhom. Ma jistax jonqos li, fid-dawl taċ-ċirksotanzi li fiha ngħatat dik ix-xhieda, toħroġ stampa ta' verżjonijiet li ma jaqblux ma' xulxin bejn dak li jgħidu l-atturi u dak li jgħidu l-imħarrkin. Ingħad f'każ bħal dan li "l-konflitti fil-provi huma ħaġa li l-Qrati jridu minn dejjem ikun lesti għaliha. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u speċjalment dwak tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant"[31]. Jigu osservat ukoll li huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza li f'każ ta' żewġ verżjonijiet li ma jaqblux għal kollox ma' xulxin u li jkunu plawsibbli jew possibbli t-tnejn, dan għandu jmur favur il-parti mħarrka bit-tħaddim tal-prinċipju li "*onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat*"[32]. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fl-att li bih iressaq il-kawża. Mill-banda l-oħra, madankollu, l-grad ta' prova mistenni fil-kamp ċivili, b'differenza minn kawżi kriminali fejn il-liġi tistenna li l-prova tal-ħtija għandha tirriżulta mingħajr dubju raġonevoli, huwa biżżejjed li jkun hemm ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant. Din ċ-ċertezza morali

[27] P.A. PS **28.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Borġ vs Carmen Gaffiero et***
[28] Affidavit tiegħu 20.6.2000, f'paġ. 40 tal-proċess
[29] Xhieda tiegħu 25.2.2002, f'paġġ. 92 – 3 tal-proċess
[30] Xhieda ta' l-imħarrka Emanuela Psaila 13.10.2005, f'paġ. 165 tal-proċess
[31] P.A. MCC **24.11.1966** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Farruġia vs Rokku Farruġia***

[32] App.Inf. 22.11.2002 fil-kawża fl-ismijiet *Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et*

f'kawżi ċivili hija l-effett tal-bilanċ tal-probabilitajiet. Il-possibilita' waħedha li xi ċirkostanza tista' jew ma tistax tkun mhijiex biżżejjed biex issejjes ir-responsabilita' civili;

"Illi l-atturi u wliedhom jixhdu li lil Maria Carmela Hayman kienu jduru biha l-ħin kollu sa miż-żmien li hija marret toqgħod għandhom wara li telqet mingħand bintha l-imħarrka Josephine Ċiantar. Jgħidu wkoll li dawn is-serviġi u għajnuna kienu jtulu l-jum kollu u li Hayman ma kienet qatt titħalla waħedha. Dawn l-għajuniet kienu jinkludu l-ħsieb tal-persuna tagħha fejn jidħol ħasil, kura u ndukrar ta' saħħitha, magħdud ix-xiri ta' mediċini. Kien hemm il-ħasil ta' ħwejjiġha u t-tmigħ tal-ikel li kien jogħġobha. Kien hemm ukoll ħruġ bil-karozza u l-għoti ta' kenn fid-dar tagħhom[33] u taqsam magħhom l-istess ambjenti tad-dar, magħduda l-kamra tas-sodda fejn kienet torqod mal-ulied bniet tal-atturi[34]. Jgħidu li dik il-għajnuna baqgħet tingħata wkoll meta Hayman iddaħħlet l-isptar u, wara, fir-residenza tax-Xjuħ;

"Illi l-imħarrkin, min-naħa tagħhom, jgħidu li huma wkoll – sakemm l-attur ippermettielhom – kienu jduru b'ommhom. Uħud jgħidu li kienu jixtru minn bwiethom id-dlik li ommhom kien ikollha bżonn[35] u l-ħaxix li kienet tiekol[36]. Issemma wkoll in-nefqa ta' saqqu għal ommhom. L-istess ħaġa ngħadet dwar iż-żjajjar u t-teħid ta' ikel lil ommhom fl-isptarijiet jew istituzzjonijiet li fihom kienet qiegħda tgħix fl-aħħar xhur ta' ħajjitha. Xehdu wkoll dwar ħruġ tal-omm kemm barra mill-isptar u wkoll fl-ambjenti tar-Residenza. Madankollu, ilkoll jistqarru li kien ikun l-attur li joħodhom l-isptar biex iżuru 'l ommhom[37], u li martu l-attriċi kienet tkun miegħu u li hija wkoll kienet issajjar u tieħu l-ikel lil omm żewġha. Jagħrfu wkoll li sakemm ommhom kienet tgħix biss fid-dar tal-atturi u ma baqgħetx aktar tersaq lejn darha, kulma kienet teħtieġ ommhom kienu jieħdu ħsiebu l-atturi;

"Illi minn dawn il-provi joħroġ fi grad tajjeb biżżejjed biex il-Qorti tista' tasal għall-fehma li l-atturi tassew taw servizzi lil Maria Carmela Hayman u kif ukoll li dak il-qadi li wettqu l-atturi kien jinvolvi sens ta' sagrifiċċju, impenn u wkoll ċaħda. Dawn is-serviġi mwettqa fuq medda ta' żmien kienu ta' fejda u ġid għal Carmela Hayman u li l-istess kienet aċċettathom u kienet tagħraf li ngħatawlha. Joħroġ ukoll li l-attriċi u l-attur għamlu dan bil-ħsieb li omm l-attur tikkumpensahom;

[33] Xhieda tal-attriċi Monica Hayman 13.6.2000, f'paġġ. 43 – 5 tal-proċess
[34] Xhieda ta' Lily Hayman 27.6.2000, f'paġ. 46 tal-proċess
[35] Xhieda tal-imħarrka Josephine Ċiantar 19.4.2002, f'paġ. 111 tal-proċess
[36] Xhieda tal-imħarrka Mary Caruana 26.2.2002, f'paġ. 132 tal-proċess
[37] Xhieda tal-imħarrka Emanuela Psaila 13.10.2005, f'paġ. 164 tal-proċess

"Illi għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel talba attriċi billi ssib li tirriżulta ippruvata kif imiss;

"Illi f'dan il-waqt il-Qorti jidhrilha li għandha tistħarreġ il-kwestjoni ta' **liema huwa ż-żmien rilevanti li jmissu jitqies biex jitkejjel il-kumpens dovut lill-atturi** qabel ma tgħaddi għal-likwidazzjoni tal-kumpens dovut lilhom. F'dan il-każ, sejra tqis ukoll is-siwi tat-**tieni eċċezzjoni** tal-imħarrkin ulied il-mejta u t-**tielet eċċezzjoni** tal-imħarrkin żwieġhom;

"Illi l-imħarrkin jgħidu li wkoll kieku kellu jirriżulta (bħalma fil-fatt irriżulta) li l-atturi jistħoqqilhom jingħataw kumpens għas-serviġi li wettqu ma' Maria Carmela Hayman, għandu jittieħed qies biss ta' dak il-qadi li sar fl-aħħar ħames snin qabel ma l-atturi bagħtulhom l-ittra uffiċjali, jiġifieri sa Marzu tal-1994. L-imħarrkin isejsu din l-aċċezzjoni tagħhom fuq dak li jipprovdi l-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili;

"Illi f'materja ta' talbiet għal kumpens ta' għoti ta' serviġi r-regola hi li ż-żmien preskrittiv huwa ta' ħames snin[38]. Dan jgħodd ukoll minkejja li s-serviġi jkunu baqgħu jingħataw tul medda ta' żmien[39]. Iżda dik il-preskrizzjoni tinkiser b'kull mod magħruf mil-liġi bħala raġuni li twaqqaf iż-żmien tal-preskrizzjoni (kemm jekk b'att ġudizzjarju u kif ukoll bl-għarfien tal-obbligazzjoni min-naħa tal-persuna mgħejjuna[40]). Madankollu wieħed irid jiddistingwi bejn l-għarfien bħala stqarrija espressa tal-obbligazzjoni, mill-fatt tal-aċċettazzjoni tas-servizz mogħti lilu;

"Illi jekk min irċieva s-servizzi kien għaraf dan il-fatt f'xi att pubbliku, ma jistax iqanqal il-preskrizzjoni tal-pretensjoni għall-ħlas magħmula minn min ikun ta s-servizzi. Sakemm dak l-att ma jitħassarx b'ieħor, iż-żmien tal-preskrizzjoni jkun wieqaf. B'mod partikolari, jekk f'testment jitħalla legat ta' ħlas lil xiħadd għal servizzi mogħtija lit-testatur, dak il-legat għandu s-saħħa ta' dikjarazzjoni affermattiva ta' stqarrija ta' kumpens[41]. L-għarfien mhux bilfors iseħħ b'kitba

[38] App. Ċiv. **4.6.1948** fil-kawża fl-ismijiet ***Caruana vs Scicluna et*** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.285**)
[39] Art. 2151(1) tal-Kap 16
[40] Ara, per eżempju, P.A. **22.5.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Xuereb vs Sacco et noe*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.342**)
[41] P.A. DS **2.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Catherine Coleiro vs Francesca Saveria Balzan et*** (mhix pubblikata)

f'dan is-sens, iżda jista' jsir bil-fomm[42], għalkemm il-prova ta' dan trid tkun aktar qawwija u ċara minn sempliċi riferenza għal xi diskors ġeneriku jew impliċitu;

"Illi madankollu f'dan ir-rigward il-fatt waħdu li l-persuna debitriċi tal-obbligazzjoni tkun baqgħet taċċetta l-qadi li jkun sar magħha mhux dejjem jissarraf fl-għarfien tal-obbligazzjoni tagħha lejn min ikun qiegħed jaqdiha. Kemm hu hekk qamet matul is-snin il-kwestjoni jekk kemm-il darba dik l-aċċettazzjoni twaqqax il-preskrizzjoni dwar serviġi li jkunu ngħataw fi żmien ta' qabel[43]. Jidher li x-xejra preponderanti tad-deċiżjonijiet f'dan ir-rigward hi fis-sens li dik l-aċċettazzjoni ma żżommx ħajja l-pretensjonijiet ta' kumpens dwar serviġi li jkunu saru fi żmien aktar qabel minn ħames snin. Għalhekk, f'dak il-każ, iż-żmien li jrid jitqies għall-ħlas tal-kumpens irid ikun l-aħħar ħames snin qabel ma dak il-qadi jkun intemm[44]. Meta l-persuna li magħha saru s-serviġi tkun hekk baqgħet tingħata s-serviġi sa ma mietet, dak iż-żmien jitkejjel minn ħames snin qabel il-mewt tagħha[45];

"Illi mix-xhieda li tinsab fl-atti, l-Qorti ssib li minkejja li wara li romlot, Maria Carmela Hayman għamlet żewġ testmenti b'legati favur binha l-attur (li wara ħassrithom fl-aħħar testment tagħha) fl-ebda wieħed minnhom ma semmiet li kienet qiegħda tagħmilhom bi ħlas għas-serviġi li kienu qegħdin jagħtuha l-atturi. Minbarra dan, meta għamlet l-aħħar testment tagħha, waqqgħet dawk iż-żewġ testmenti. Il-kliem li Maria Carmela Hayman jingħad li wżat ma' binha l-attur seta' kien iwebbel jew jillużinga lill-atturi biex jaħsbu li kienu se' jmorru tajjeb wara mewtha, iżda ma kienx jissarraf f'wegħda ta' kumpens li twaqqaf iż-żmien preskrittiv. Jista' jkun ukoll li l-attur "serraħ rasu" dwar il-kumpens minħabba dak li kien sar fiż-żewġ testmenti ta' ommu u li bihom kien "sejjer imur tajjeb" bil-ġid li kien ser jitħħalla. Iżda dawk iż-żewġ atti pubbliċi tħassru bl-aħħar testment tat-testatriċi. Ma hemmx dubju lanqas li, min-naħa tagħha, Maria Carmela Hayman aċċettat dawk is-servizzi, iżda, kif ingħad qabel u kif sejjer jintwera aktar 'il quddiem, ma kienet għamlet l-ebda wegħda ta' kumpens lill-atturi;

"Illi f'dan il-każ, l-atturi mexxew il-kawża madwar sena w nofs wara l-mewt ta' Maria Carmela Hayman, iżda kienu bagħtu l-ittra uffiċjali lill-imħarrkin fis-26 ta' Marzu tal-1999;

---

[42] App. Ċiv. **16.9.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella et vs Borġ noe et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.260**), P.A. **6.10.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Formosa et vs Gauċi et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.iii.217**) fost bosta oħrajn
[43] P.A. **17.1.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Paċe et vs Aġius noe*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.515**)
[44] Maġ (Għ) AE **26.9.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġiovanna Ħili vs Emanuel Cardona et*** (mhix appellata)
[45] App. Ċiv. **1.4.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġeorge Sciberras et vs Josephine mart Leonard Spiteri et***

"Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonjiet, il-Qorti ssib li din l- eċċezzjoni tal-imħarrkin hija mistħoqqa u dwar it-talba attriċi għall-ħlas tal-kumpens għandu jittieħed qies biss taż-żmien ta' ħames snin qabel intbagħat dak l-att ġudizzjarju, jiġifieri minn April tal-1994 (billi ż-żmien ta' qabel jinsab preskritt) sa Jannar tal-1998 (billi mal-mewt ta' Carmela Hayman ma setgħux jingħataw aktar serviġi), jew mija u tmienja u disgħin (198) ġimgħa;

"Illi għal dak li jirrigwarda **l-likwidazzjoni tal-kumpans dovut lill-atturi**, tajjeb li jingħad li fost il-kriterji magħrufa[46] li xieraq jitqiesu meta wieħed jiġi biex ikejjel il-kumpens dovut, wieħed isib (i) il-frekwenza u x-xorta tas-serviġi mogħtija, (ii) il-mezzi tal-persuna mgħejjuna, (iii) il-grad ta' qrubija bejn min jaqdi u l-persuna mgħejjuna, (iv) il-kedda u t-tbatija involuti biex jingħataw is-serviġi li dwarhom jintalab kumpens, (v) l-grad ta' ħila jew speċjalizżazzjoni meħtieġa biex jingħataw tali serviġi, (vi) jekk xi qadi jidħolx għalih kulħadd jew jekk iġibx stmerrija f'min jintalab jagħmlu minħabba li jkun "*di bassa lega*", (vii) jekk mal-għoti tas-serviġi l-persuna tkunx ukoll daħlet fi spejjeż jew infieq minn butha, u (viii) jekk il-persuna moqdija tkunx fi stat ta' saħħa mwiegħer jew dgħufija;

"Illi dwar il-frekwenza u x-xorta tax-xogħol mogħti mill-atturi, jirriżulta mill-atti li dawn kienu konsistenti u ta' impenn mhux traskurabbli. Dwar dan, il-Qorti diġa' tat il-konsiderazzjonijiet tagħha waqt li kienet qiegħda tqis l-ewwel talba attriċi. Uħud mis-serviġi li l-attriċi kienet tagħti – l-iżjed lejn l-aħħar xhur ta' ħajjet Hayman – kienu skabrużi u li trid stonku biex tagħmilhom sewwa, l-aktar ma' persuna milquta bil-kundizzjoni li kienet tinsab fiha l-mgħejjuna. Dwar il-ġid ta' Maria Carmela Hayman, ma tressqux provi, ħlief li ħareġ li hija ma kellha l-ebda kontijiet bankarji intestati f'isimha. Dwar il-ġid immobbiljari li semmiet fiż-żewġ testmenti tagħha, ma ngħatat l-ebda valutazzjoni (għalkemm nofs dan il-ġid kien jagħmel mill-wirt ta' żewġha);

"Illi l-għaref difensur tal-atturi, dwar din il-kwestjoni tal-likwidazzjoni, issottometta li l-Qorti għandha tagħmel likwidazzjoni *arbitrio boni viri*;

"Illi f'dan il-waqt il-Qorti trid tqis **it-tielet eċċezzjoni** tal-imħarrkin ulied il-mejta u **r-raba' eċċezzjoni tal-imħarrkin żwieġhom** fis-sens li l-attur tħallas ta' dak li kien jagħmel ma' ommu. Dan jgħiduh għaliex, bħala prokuratur ta' ommu, l-attur kien isarraf u jżomm għalih il-pensjoni tagħha;

[46] P.A. GV **31.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Annunziata Brincat vs Joseph Aquilina noe*** fost bosta oħrajn

"Illi mill-provi ħareġ li bejn iż-żmien meta omm il-partijiet romlot (Awissu 1986) sa meta mietet (Jannar 1998), kienet irċeviet b'kollox l-ekwivalenti ta' sebgħa u tletin elf tmien mija u tmienja u ħamsin euro u sittin ċenteżmi (€ 37,858.60) fi ħlas ta' pensjonijiet[47]. Ma hemm l-ebda dubju li l-attur kien inħatar minn ommu bħala prokuratur tagħha bis-setgħa li jista' jsarraf iċ-*cheque* tal-pensjoni ta' ommu, minbarra li l-istess *cheque* kien jgħajjat lilu wkoll[48]. L-attur jistqarr li huwa kien iħaddem dik il-prokura u li kien hu li dejjem sarraf iċ-*cheque* tal-pensjoni ta' ommu meta kien jasal[49]. Madankollu, kemm hu u kif ukoll martu l-attriċi jisħqu li l-pensjoni kien jagħtiha lil ommu u ma jżomm xejn minnha u li ommu kienet tużaha biex tħallas l-ispejjeż tagħha u tixtri kulma kellha bżonn. L-attur jgħid li ommu kienet tagħti rigali lil uliedu u lin-neputijiet l-oħrajn tagħha f'kull okkażjoni, u li dak li jifdlilha kienet iġġemmgħu u tqiegħdu "taħt saqqu". Huwa jgħid li, meta ġiet nieqsa, sab flus biżżejjed biex bihom ħallas għall-funerali tagħha u kien għad fadallu "mal-mija u tletin lira f'idejja";

"Illi, min-naħa tagħhom, l-imħarrkin jgħidu li, sa minn meta ommhom kienet għadha qiegħda tgħix ma' bintha Josephine Ċiantar, l-attur dejjem żamm il-pensjoni kollha f'idejh[50] u ommhom kienet dejjem tgħid li m'għandhiex flus f'idejha "u bil-portmoni vojt"[51]. Jgħidu wkoll li, imqar għan-nefqiet żgħar tagħha, ommhom kien ikollha tittallab mingħandhom. Il-Qorti ma għandha l-ebda mod kif tivverifika dawn iż-żewġ verżjonijiet kontrastanti, iżda ladarba ħareġ ċar li l-attur kien dejjem sarraf il-pensjoni u kellu xi għamla ta' kontroll fuq it-tmexxija ta' ħwejjeġ ommu, kien jaqa' fuqu li juri fejn u kif intefqu dawk il-flus, ladarba huwa nnifsu xehed li lil ommu qajla kien jerħilha minn tajt għajnejh jew għajnejn il-familja tiegħu;

"Illi l-Qorti lanqas ma tista' tinjora l-fatt li omm l-attur kellha nefqiet rikorrenti u l-fatt li kienet tiddependi għal kollox mill-għajnuna li jagħtuha l-atturi kien ifisser li ċerta nefqa konsistenti kienet issir fl-interess tagħha. Dan jgħodd ukoll minkejja li wliedha l-oħrajn mhux eskluż li ħarġu spejjeż minn bwiethom ukoll, l-iżjed fix-xiri ta' dak li kienu joħdulha meta kienet l-isptar. Dan ifisser li, meta l-Qorti sejra tikkalkula l-kumpens dovut lill-atturi, sejra tqis li l-infieq għaż-żamma ta' omm l-attur tħallas mill-pensjoni tagħha u li l-kumpens likwidat b'din is-sentenza ser ikun għas-servizzi li ngħatat bla ma (setgħet) ħallset tagħhom daqslikieku ngħataw minn barranin. Sa hawnhekk l-imsemmija eċċezzjonijiet tal-imħarrkin huma tajbin;

---

[47] Dok "AA1", f'paġ. 57 tal-proċess
[48] Xhieda ta' Hadrian Attard 5.12.2001, f'paġ. 61 tal-proċess
[49] Xhieda tiegħu 25.2.2002, f'paġ. 80 tal-proċess
[50] Xhieda ta' Josephine Ċiantar 19.4.2002, f'paġ. 111 tal-proċess
[51] Xhieda ta' l-imħarrka Emanuela Psaila 19.4.2002, f'paġ. 115 tal-proċess

"Illi l-Qorti hija tal-fehma li, wara li qieset il-fatturi kollha fuq imsemmija fid-dawl tal-provi mressqa, l-kumpens xieraq lill-attriċi għandu jinħadem fuq medja ta' ħamsa u tletin euro (€ 35) fil-ġimgħa, filwaqt li dak lill-attur (li s-sehem tiegħu fl-għajnuna mogħtija lil ommu huwa anqas minn dak ta' martu) jinħadem fuq medja ta' għoxrin euro (€ 20) fil-ġimgħa. Dan iġib li, l-kumpens dovut lill-attriċi tul iż-żmien rilevanti jitla' għal sitt elef disa' mija u tletin euro (€ 6,930)[52], filwaqt li dak dovut lil żewġha l-attur jitla' għal tlitt elef disa' mija u sittin euro (€ 3,960)[53];

"Illi jifdal li l-Qorti tqis **ir-raba' eċċezzjoni tal-imħarrkin werrieta u l-ħames eċċezzjoni tal-imħarrkin żwieġhom**. Dawn l-eċċezzjonijiet iridu li ladarba l-attur huwa wieħed mill-werrieta tal-persuna li magħha saru s-serviġi, irid jerfa' s-sehem tiegħu mill-ammont ta' kumpens likwidat. Dawn l-eċċezzjonijiet huma tajbin. Huwa aċċettat li l-kreditu maħluq bil-kumpens għal serviġi mogħtija lil persuna li tkun mietet qabel ma jkun tħallas dak il-kumpens, huwa dejn li jgħabbi l-wirt ta' dik il-persuna u mhux lill-werrieta personalment[54]. Kemm hu hekk, meta l-persuna li tkun tat is-serviġi hija wkoll werrieta tal-persuna mgħejjuna, dan huwa wieħed mill-konsiderazzjonijiet dwar qrubija li l-Qorti trid tagħmel hi u tillikwida l-kumpens mistħoqq[55];

"Illi dan ifisser li, mill-ammonti ta' kumpens likwidat lill-atturi aktar 'il fuq, l-attur irid jerfa' sehem minn sebgħa ($^{1}/_{7}$) ladarba l-werrieta ta' Maria Carmela Hayman kienu s-sebat aħwa ndaqs. Dan iġib li l-kumpens dovut lill-atturi huwa ta' ħamest elef disa' mija u erbgħin euro (€ 5,940) lill-attriċi Monica Hayman u tlitt elef tliet mija u erbgħa u disgħin euro u tletin ċenteżmi (€ 3,394.30) lill-attur Emanuel Hayman. B'kollox, il-kumpens dovut lill-atturi jitla' għal disat elef tliet mija u erbgħa u tletin euro u tletin ċenteżmi (€ 9,334.30) li minnhom, madankollu, iridu jitnaqqsu mitejn u sittin euro (€ 260) li jirrappreżentaw is-sehem ta' sitta minn sebgħa ($^{6}/_{7}$) tal-flus kontanti li l-attur żamm għandu minn dak li kienet ġemmgħet ommu mill-pensjoni. Għalhekk, il-likwidazzjoni finali tal-kumpens mistħoqq lill-atturi huwa ta' disat elef u erbgħa u sebgħin euro u tletin ċenteżmi (€ 9,074.30) li jridu jitħallsu lilhom mill-imħarrkin kollha in kwantu għal sehem minn sitta ($^{1}/_{6}$) minn kull wieħed mill-werrieta u żwieġhom jew, fejn dawn mietu, minn ulied dawn;"

[52] €35 x 198 = € 6,930
[53] €20 x 198 = € 3,960
[54] P.A. JZM **30.3.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Pulis et vs Anthony Lia et*** (mhix appellata)
[55] P.A. RCP **30.11.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Katerina Caruana vs Ġużeppa Caruana et*** (mhix appellata)

Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi li permezz tieghu talbu t-tibdil tas-sentenza billi jigu michuda wkoll l-eccezzjonijiet li gew akkolti u biex il-Qorti tiffissa ammont akbar bhala servigi li ghandhom jithallsu lilhom bl-ispejjez kollha a karigu tal-konvenuti;

Rat ir-risposta tal-attrici li permezz taghha talbet il-konferma tal-istess sentenza;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta'  Novembru 2014 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati trattaw l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal kawza huma spjegati fid-dettal fl-atti msemmija u fid-decizjoni tal-ewwel Qorti u ma hemmx lok li wiehed joqghod jirrepetihom fit-tul. L-atturi qed jitolbu hlas ghal servigi illi huma ghamlu lill-omm l-attur; l-omm kienet mietet fis-17 ta' Jannar 1998 u kienet ghamlet it-testment finali taghha f'Novembru ta' qabel.  Precedentement kienet ghamlet testment li permezz tieghu kienet halliet legati sostanzjali lill-attur. Allura meta dan sar jaf li dak it-testment kien gie revokat mit-testment ahhari tal-mejta, huwa u martu l-attrici l-ohra baghtu ittra ufficjali (fis-26 ta' Marzu 1999) lill-konvenuti fejn talbu

kumpens ghas-servigi. Il-Qorti wara li qieset il-provi u kkunsidrat li l-preskrizzjoni relattiva hija ta' hames snin, u wara li naqqset is-sehem tal-istess attur billi huwa ko-eredi flimkien mal-konvenuti, waslet ghas-somma fuq imsemmija.

L-aggravji tal-appellant huma elenkati mill-ittri (a) sa (h) fir-rikors relattiv, izda whud mill-aggravji fil-fatt huma inkluzi f'aktar minn paragrafu wiehed. L-appellanti qed jitolbu li l-ammont likwidat bhala servigi rezi jigi awmentat sostanzjalment minhabba l-mod kif dawn gew resi (u allura hassewhom aggravati mill-mod kif gew likwidati) u minhabba li l-Qorti kellha tqis li l-preskrizzjoni kienet interrotta bir-rikonoxximent da parti tal-mejta. Huma qed jilmentaw ukoll mill-mod kif gie deciz il-kap tal-ispejjez.

**<u>Preskrizzjoni u Likwidazzjoni</u>**

Kif inghad, l-ewwel Qorti llikwidat is-somma ta' disat elef, erbgha u sebghin Euro u tletin centezmi (€9,074.30) bhala s-somma dovuta lill-atturi. Il-Qorti waslet ghal dan l-ammont bil-mod gia` msemmi aktar qabel.

Il-Qorti ghalhekk fi ftit kliem ikkalkolat l-ammont dovut ghas-servigi resi lill-omm l-attur ghall-perjodu bejn April 1994 sa Jannar 1998 inkwantu dawk li setghu gew resi qabel kienu preskritti billi qieset il-preskrizzjoni ta' hames snin

– u allura ghal perjodu ta’ hames snin appuntu, nieqes il-perjodu bejn il-mewt tal-omm fis-17 ta’ Jannar 1998 sal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni f’Marzu 1999. Il-Qorti mbaghad ibbazathom fuq hlas komplessiv ta’ hamsa u hamsin Euro (€55) fil-gimgha u cioe` tlieta u hamsin Euro (€35) ghall-attrici u ghoxrin Euro (€20) ghall-attur.

Fir-rigward tal-**preskrizzjoni** ma hemmx dubju (u lanqas l-appellanti ma huma jghidu mod iehor) li fil-kaz ta’ servigi t-terminu applikabbli huwa dak ta’ hames snin skont l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili.

Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Agostino Pace v. Antonio Agius nomine** deciza fis-17 ta’ Jannar 1955 il-Prim’Awla tal-Qorti Civili qalet illi *“l-azzjoni ghall-hlas tas-servigi u ghar-restituzzjoni ta’ spejjez ghal somministrazzjonijiet maghmula lill-persuna servuta tippreskrivi ruhha f’hames snin u c-cirkostanza li s-servigi jkunu kontinwi jew bla interruzzjoni mhux bizzejjed biex timpedixxi illi l-preskrizzjoni tibda tiddekorri. B’dan li l-kontinwita` jew reitarazzjoni tas-servigi ma tissospendix il-bidu jew il-kors tal-preskrizzjoni u lanqas ma timporta, ghalkemm accetata mid-debitur, interruzzjoni tal-preskrizzjoni tal-kreditu ghas-servigi jew somministrazzjonijiet anterjuri. Ghaliex l-att ta’ persuna li taccetta mill-gdid il-preskrizzjonijiet ma jistax iwassal ghall-ammissjoni tad-debitu ta’ prestazzjonijiet anterjuri, jew ghal rikonoxximent ta’*

*drittijiet dwar dawk il-prestazzjonijiet anterjuri jew ghax ir-rinunzja ghall-preskrizzjoni tad-dritt naxxenti minn prestazzjonijiet anterjuri."*

Dan allura jfisser li anke l-argument tal-appellanti li meta l-mejta ghamlet it-testment tal-1995 hija rrikonoxxiet id-dejn u allura giet interrotta l-preskrizzjoni ghall-perjodu precedenti mhux tenibbli, aktar u aktar meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-fatt li fit-testment ma kien hemm ebda indikazzjoni li l-mejta rrikonoxxiet testwalment li kienet qed thalli l-legat lill-attur minhabba s-servigi illi rrenda lilha. Oltre dan, kif spjegat din il-Qorti fi-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet **Giuseppe Fenech et v. Carmelo Bezzina** (deciza fit-8 ta' Jannar 1960):

> *"l-azzjoni ta' min ippresta s-servigi lil persuna li imbaghad mietet biex jithallas tas-servigi minnu rezi lil dik il-persuna, avolja dik il-persuna tkun hallietlu legat rimuneratorju  fit testment taghha bi hlas u kumpens ya' dawk is servigi hija preskrivibbli f hames snin ghax dik mhix azzjoni 'ex testamento' f liema kaz kien ikollha l-preskrizzjoni taghha proprja, imma hija semplci 'actio crediti'; ghax ir rapport guridiku ta' debitu u kreditu inholoq bil-prestzzjoni tal-allegati servigi u l-azzjoni hi bazata fuq dak ir rapport u mhux fuq it-testment."*

L-istess sentenza qalet li fejn it-testatur jiddikjara li qed ihalli dak il-legat il-hlas u kumpens tas-servigi jammonta ghal '*rikonoxximent interruttiv tal-preskrizzjoni li tkun miexja jew, skond il-kaz ghal rinunzja ghall-preskrizzjoni gia` kompjuta u tibqa operattiva 'dietim' <u>sakemm ma tigix  revokata</u>."* (sottolinear ta' din il-Qorti). F'dan il-kaz in ezami, kif gia` ssemma, fit-testment

imsemmi ma kien hemm ebda dikjarazzjoni f'dan is-sens u f'kull kaz dak it-testment kien ukoll sussegwentement revokat.

Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li l-azzjoni kienet parzjalment preskritta u allura l-aggravju inkwistjoni huwa michud.

Fuq il-materja tal-**likwidazzjoni** taghhom hemm diversi sentenzi tal-Qrati taghna; wiehed jista jiccita per ezempju:

> *"Huwa stabbilit li din l-azzjoni tistrieh fuq zewg sisien; jigifieri l-kwazi kuntratt u fuq il-presunzjoni li min jaghti servizz lill-haddiehor jaghmel hekk bil-fehma li jithallas ta' dak li jaghmel. Minbarra hekk ilu zmien twil accettat illi l-hlas tas-servigi jista jkun dovut mhux biss* ***jure actionis*** *jigifieri meta huwa miftiehem izda ukoll* ***officio judicis*** *jigifieri meta mic-cirkostanzi jkun jidher sewwa li min ta dak is-servizz ried li jithallas tieghu jew kien imwieghed hlas ghalih."* ( **Guzeppi Borg vs Emanuel Azzopardi – Prim Awla 19 ta' Mejju 2005).**

Dwar il-kumpens kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Catania v. Agius – 11 ta' Dicembru 2003**, *"wiehed jista jsib illi l-kumpens akkordat qatt ma jkun f'ammonti kbar u dan peress li s-servizzi jinghataw kwazi dejjem minhabba ragunijiet ta' parentela bejn il-partijiet u anke ghaliex it-talba ghal hlas ta' servigi kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza* ***Delicata v. Saliba*** *deciza fit-22 ta' Mejju 1989, hija ibbazata fuq kwazi kuntratt u mhux fuq kuntratt ... u kwindi l-kumpens ma jkunx relatat biss mas-servigi izda*

*ghandhon jittiehdu in konsiderazzjoni diversi fatturi ohra li ftit jew wisq, inaqqsu r-relazzjoni ekonomika bejn is-servigi resi u l-hlas."*

Fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **George Sciberras et v. Josephine Spiteri et** (deciza fl-1 ta' April 2005) intqal illi:

> *"... ghalkemm huwa veru li hemm dmir ta' l-ulied li jiehdu hsieb il-genituri taghhom fl-istess waqt fid-dinja tal-lum hu naturali li wiehed jikkonkludi li anke f'servigi rezi mill-ulied, il-prezunzjoni hija li l-istess ulied ikunu qed jaghmlu dawn is-servigi verament b'sens ta' dover izda fl-istess waqt ikunu qed jippretendu li dan is-sens ta' dover jigi premjat. Meta imbaghad, kif gara f'dan il-kaz, mal-mewt tal-genitur jiskopru li ma hallihomx preferuti, ihossuhom li gew privati minn xi haga u ghalhekk huwa sew li jinghatalhom il-kumpens."*

Fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Maria Lourdes Brincat v. Giuseppe Brincat et** (29 ta' Novembru 2013) il-Qorti qalet hekk:

> *"Wiehed jinnota li l-Ewwel Qorti ikkalkolat l-ammont dovut ghas servigi prestati lill-omm l-attrici fuq ammont (70 euro fil-gimgha) li kien certament jeccedi l-paga minima ghaz zmien in kwistjoni u certament li ghal dawn it-tip ta' kawzi eccessiv. Dan l-ammont kien jikkostitwixxi l-paga minima zmien ferm wara; dan minghajr ma wiehed jikkonstata li kif qalet tajjeb is-sentenza* ***Catania vs Agius (supra)*** *wiehed ma jistax jillikwida l-kumpens a bazi ta' salarji prevalenti fiz-zmien in kwistjoni ghaliex ir-relazzjoni guridika bejn il-partijiet mhijiex wahda kuntrattwali izda kwazi kuntrattwali – il-fatt f' dik il-kawza, ghal servigi resi bejn is-snin* ***<u>1975 u 1993</u>*** *gew ikkakolati bil-hames liri (11.65 euros) fil-gimgha.*

> *"Ghalhekk f dan il-kaz peress li jidher mill-provi li l-appellata kienet tghix mal-genituri taghha il-Qorti jidrilha li ghandha tibbaza l-kalkolazjoni taghha fuq is*

> *somma ta' 15 euro fil-gimgha bhala medja ghall perjodu in kwistjoni (tlettax il-sena bejn 1964 u 1977) ....."*

F'dan il-kaz, is-servigi li ghalihom il-Qorti se tordna kumpens saru fil-perjodu ta' bejn April 1994 u Jannar 1998; ghalhekk anke a bazi ta' dan ir-ragunament u l-inflazzjoni li zgur ikun hemm mat-trapass taz-zmien, din il-Qorti jidrilha li hlas fil-gimgha ta' hamsa u erbghin Euro (€45) ghall-attrici u hamsa u ghoxrin Euro (€25) ghall-attur, ikun fic-cirkostanzi tal-kaz u in vista tas-servigi resi kif imsemmi fis-sentenza appellata aktar ekwu; kwindi sebghin Euro (€70) kumplessivi ghal mija, tmienja u disghin (198) gimgha li jwasslu ghal ammont ta' tlettax-il elf, tmien mija u sittin Euro (€13,860); minn dawn iridu jitnaqqsu elf, disa' mijau tmenin Euro (€1,980) ossija settima parti billi l-attur huwa wkoll werriet f'dan is sehem u allura l-ammont pagabbli jkun hdax-il elf, tmien mija u tmenin Euro (€11,880).  Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni l-fatt li l-attur kien jippercepixxi inkwantu prokuratur taghha, il-penzjoni ta' Maria Carmela Hayman u taqbel mal-ewwel Qorti illi ftit li xejn ta  spjegazzjoni ta' kif kien jiddisponi minnha.

**L-Imghax**

Fir-rigward tal-imghax mitlub, m'hemmx dubju illi normalment il-Qrati taghna jimxu mal-principju *in illiquidis non fit mora*. Madankollu kif gie espress per ezempju fis-sentenza fl-ismijiet **Citadel Insurance v. Johan Ciantar**

(Prim'Awla – 20 ta' Gunju 2002) li *"meta talba ghall-hlas ta' danni hija maghrufa jew facilment determinabbli sa minn qabel jibdew il-proceduri gudizzjarji li jkollhom jittiehdu biex jintalab dak il-hlas, l-imghax ghandu jiddekorri minn dakinhar li ssir l-ewwel intima b'att gudizzzjarju (jekk dan ikun sar) u mhix minn dakinhar li eventwalment tinghata s-sentenza li tikkonferma dak l-ammont."*

F'din il-kawza wiehed jifhem li l-ammont inkwistjoni ma tantx kienet determinabbli meta bdew il-proceduri u ghalhekk aktar rilevanti ghall iskop ta' dan il-kaz, hija s-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Turner v. Francis Agius** (deciza fit-28 ta' Novembru 2003) fejn il-Qorti ordnat il-hlas tal-imghaxijiet mid-data tal-ewwel sentenza peress li f'dak il-mument l-ammont likwidat kien evidenti ghall-konvenut u l-Qorti jidrilha li ghandha ssegwi din il-gurisprudenza (segwita anke f'sentenzi ohra ricenti ta' din il-Qorti ara per ezempju **Tania Vassallo v. Anna Rita Camilleri,** deciza 30 ta' Jannar 2014) u tordna li l-imghax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza tal-Prim'Awla ghall-istess ragunijiet.

**<u>Spejjez</u>**

L-appellanti jilmentaw ukoll mill-fatt illi l-ewwel Qorti ddecidiet illi l-ispejjez tal-kawza jkunu bla taxxa.  Din il-Qorti tifhem illi hija ghamlet dan biex tevita

ratizzazjonijiet komplikati in vista tal-fatt li gew akkolti l-eccezzonijiet tal-preskrizzjoni u illi l-attur huwa ko-eredi u fl-istess hin kien hemm kundanna ghall-hlas. Fil-fatt l-atturi ppremettew fic-citazzjoni taghhom illi huma pprestaw servigi ghal perjodu bejn l-1987 u l-1997.

Huwa car illi l-Qorti kellha tiddeciedi dwar il-kap tal-ispejjez skont l-Artikolu 223 (1) tal-Kap. 12 illi jghid li l-Qorti ghandha tikkundanna l-parti *telliefa* biex thallas l-ispejjez tal-kawza filwaqt li s-sub-inciz (3) jghid li l-Qorti tista tikkundanna lil kull parti thallas l-ispejjez taghha *"meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra nghatat fuq punt legali izda biss jekk jindahlu xi punti specjali ta' ligi."*

Din il-Qorti tapprezza d-diffikulta` tal-Qorti illi tkun preciza f'sitwazzjoni simili meta tigi biex taqsam l-ispejjez u kwindi taqbel ma' kif l-ewwel Qorti qasmet dawn l-ispejjez; fic-cirkostanzi billi l-appell se jigi parzjalment akkolt, se tordna li l-ispejjez tal-appell jinqasmu f'sehem indaqs bejn l-atturi u l-konvenuti, ghaliex kif qalet din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Kummissarju tal-Artijiet v. Emanuel Aquilina,** deciza fil-5 ta' Ottubru 2001, *"l-ispejjez ma ghandhomx jigu ripartiti semplicement a bazi ta' proporzjon matematiku ghat-talbiet milqugha jew michuda jew in proporzjon ghal xi riduzzjoni tas-somma reklamata."* Anke l-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza **Chetcuti v. Citadel Insurance** (15 ta' Frar 2006) qalet li *"Ma tezisti ebda norma ta' dritt talment*

*tassattiva u inflessibbli li ma tippermettix li f'certi kazi l-Qorti adita tippresta l-gudizzju taghha dwar il-kap tal-ispejjez bil-mod kif il-kaz b'konsiderazzjoni maturata jkun hekk konxjenzjozament jiddettalha."*

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi tilqghu biss billi tillikwida s-servigi resi mill-atturi fis-somma ta' hdax-il elf, tmien mija u tmenin Euro (€11,880) fuq imsemmija minflok dik likwidata mill-ewwel Qorti u tordna lill-konvenuti appellati jhallsu din is-somma lill-atturi appellanti; mill-bqija tikkonferma s-sentenza appellata komprizi l-kap tal-ispejjez.

L-ispejjez tal-appell ghandhom jinqasmu hekk; nofs ihallsuhom l-atturi appellanti u nofs l-iehor l-appellati bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------